OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru CEDUC-24-4967**

17 ta' Diċembru 2025

L-Onorevoli Dott Angelo Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta
VLT 1111

Onorevoli Speaker

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qegħdin nibgħatu kopja tal-Opinjoni Finali, flimkien ma' dan ir-*resumé* tal-każ u korrispondenza oħra relevanti, biex jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u biex jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. Dan ir-Rapport sar wara investigazzjoni kondotta dwar l-ilment miġjub mis-[OMISSIS].

## ***Resumé***

Il-każ jikkonċerna tibdil, permezz ta' proċedura ta' assimilazzjoni fuq 'bażi personali', fin-nomenklatura tal-ingaġġ fis-servizz pubbliku tal-persuna li ilmentat. B'riżultat ta' dan it-tibdil, li seħħ fl-2022, il-persuna li ilmentat spiċċat minsija kompletament għal dak li hu titjib fil-kundizzjonijiet tal-impieg tagħha meta ġie negozjat l-aħħar ftehim kollettiv, minkejja li l-ingaġġ oriġinali tagħha u l-kundizzjonijiet ta' tali ingaġġ kienu identiċi għal dawk li issa kisbu titjib sostanzjali fir-remunerazzjoni tagħhom skont l-imsemmi ftehim kollettiv. Dan kollu hu spjegat dettaljatament fil-paragrafi 5 sa 10 tar-Rapport (Opinjoni) Finali ta' dan l-Uffiċċju tat-22 ta' Ottubru 2025.

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt www.ombudsman.org.mt

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni irrakkomanda, sabiex tiġi rimedjata l-inġustizzja li saret fil-konfront tal-persuna li lmentat, li hija tiġi assimilata għal darb'oħra f'Salary Grade 5 skont il-ftehim settorali viġenti b'effett mid-data li dan il-ftehim ġie fis-seħħ.

Dan ir-Rapport Finali ġie komunikat lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli mill-Edukazzjoni fit-22 ta' Ottubru 2025, b'talba biex l-Uffiċċju tal-Ombudsman jiġi mgħarraf dwar x'passi kienu ser jittieħdu biex ir-rakkomandazzjoni tiġi implimentata. Sal-lum dan l-Uffiċċju baqa' ma rċieva ebda tali informazzjoni, u dan minkejja li f-1 ta' Diċembru 2025, il-Kummissarju sottoiffirmat kiteb anke lill-Onorevoli Prim Ministru.

Billi sal-lum dan l-Uffiċċju baqa' ma sema' xejn mingħand is-Segretarju Permanenti responsabbli mill-Edukazzjoni dwar l-aċċettazzjoni u implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni, qed nippreżentawlek dan ir-rapport għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Insellu għalik

Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Vincent A Degaetano
Kummissarju għall-Edukazzjoni

Dokumenti annessi: Rapport Finali – 22 ta' Ottubru 2025
Ittra lis-Segretarju Permanenti, MEYR – 22 ta' Ottubru 2025
Ittra lill-Prim Ministru – 1 ta' Diċembru 2025